Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10540 — ECDC / HPIL / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 31/07)

1. Fit-12 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Energy City Development Company ("EDCO", l-Arabja Sawdija), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi tas-Saudi Arabian Oil Company ("Saudi Aramco", l-Arabja Sawdija),

— Hutchison Port Investments Limited ("HPIL", il-Gżejjer Kajman) li tappartjeni għal CK Hutchison Holdings Limited ("CKHH", Hong-Kong).

ECDC u HPIL jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Energy City Logistics Company LLC (l-Impriża Bi Sħab (Joint Venture, JV), l-Arabja Sawdija).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ECDC sid u żviluppatur tal-King Salman Energy Park (SPARK), żona industrijali fl-iżvilupp fir-Renju tal-Arabja Sawdija,

— HPIL: żviluppatur u operatur globali ta' terminals tal-containers u fornitur ta' servizzi loġistiċi assoċjati,

— il-Joint Venture: se tiġi stabbilita u se tkun attiva fir-Renju tal-Arabja Sawdija. Se tiżviluppa, tikkummerċjalizza u tħaddem il-port xott u ż-żona tal-loġistika relatata fi SPARK.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10540 — ECDC / HPIL/ JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË